## HDEJN IĊ-ĊIMITERJU TA' L-ADDOLORATA F'NOVEMBRU

*Fis-sema l-qamar tala' mingħajr dija,*
*Inħeba ġo sħabiet mill-lewn l-irmied,*
*U fost il-leħħ tal-beraq ġeġwiġija,*
*Jidwi r-ragħad ikarwat ġewwa l-wied.*

*Jinstama' leħen kiebi kollu mriegħed,*
*Jaqsam id-dalma, jiġri kullimkien,*
*Tistħajlu ta' xi ruħ bla wens titniehed,*
*Tfittex, tgħarrex ħerqana bla waqfien.*

*Jibki ċ-ċipress fuq l-oqbra llum minsija,*
*Jibki fis-skiet fuq il-ħerba taż-żmien,*
*Għax qatt jiftakar hena, jiem xemxija,*
*F'dal wied id-dmugħ iġelben mingħajr tmiem.*

*Hawhekk sultana l-mewt bil-minġel f'idha.*
*Qatt ma tintrebaħ, l-ebda bniedem sidha.*

Tarcisio Cini

## LIL MISSIERNA SAN PAWL

*L-Imħabba għall-Imgħallem, dik il-Herqa*
*Waddbitek fuq ix-xtajta tal-Maltin,*
*U fost ir-ragħad wil-beraq rajt il-għarqa,*
*'Mma qawwi tlajt, imħeġġeġ bit-twemmin.*

*U b'Fidi ħajja wrejt it-triq tas-sewwa,*
*Għamilt mirakli, fdejt għadd kbir ta' nies,*
*Għallimtna nagħrfu 'l Alla b'għerf, bil-ħlewwa,*
*In-nies ħabbewk, ħabbewk għall-snin bla qies.*

*O Pawlu, Pawlu! Henn għall-Gżira tagħna,*
*Harisha mit-tempesti ħarxa u qliel,*
*Le, qatt titlaqna, ibqa' dejjem magħna,*
*Kun int it-tarka, rażżan il-Qattiel.*

*Kif il-velenu ħadt minn ħalq il-lifgħa,*
*Erġa' s-semm eqred, f'Artna reġġa' d-dija.*

Tarcisio Cini